**Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni**

**Post ta' Għalliem fil-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni biex iservi fl-Iskola Ewropea Lussemburgu**

*Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.*

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (MEYR) jixtieq jiġbed l-attenzjoni tal-applikanti interessati li l-ebda forma t'abbuż fuq it-tfal m'huwa tollerat. Fil-proċess tar-reklutaġġ, l-MEYR jimxi mal-Liġi Sussidjarja 327.546 (Regolamenti tal-2016 dwar ir-Reklutaġġ, Taħriġ Inizjali u Żvilupp Professjonali Kontinwu u Protezzjoni ta' Minorenni fl-Edukazzjoni Obbligatorja).

1.1. Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Għalliem biex jgħallem prinċipalment il-Malti bħala l-ewwel lingwa u l-Ingliż bħala t-tieni lingwa lil studenti fl-Iskola Ewropea f'Lussemburgu, minn Novembru 2023.

1.2. Dan l-ingaġġ ser ikun fuq bażi ta' sekondment skont ir-"Regulations for Members of the Seconded Staff of the European School" Ref: 2011-04-D-14-en-17, li jista' jiġi aċċessat fuq https://www.eursc.eu/BasicTexts/2011-04-D-14-en-19.pdf.

**Termini u Kundizzjonijiet**

2.1. Is-salarju għall-post ta' għalliem huwa marbut mal-iskala sustantiva tal-kandidat li jintgħażel, jekk ikun uffiċjal pubbliku jew inkella mal-Iskala ta' Salarju 9 li fl-2023 huwa, ta' €24,494.79 fis-sena, li jiżdied b'€447.33 fis-sena sa massimu ta' €27,178.77, jekk il-kandidat magħżul ma jkunx uffiċjal pubbliku.

2.2. Is-salarju bażiku tal-kandidat magħżul ikun supplimentat b'pakkett ta' rimunerazzjoni, li jinkludu household allowance, spouse's income allowance (jekk applikabbli), dependent child allowances, education allowances, expatriation allowance, daily subsistence allowance, installation allowance, u resettlement allowance. Dan il-pakkett jinkludi wkoll, rimborż tan-nefqa tal-ispejjes tal-vjaġġ u l-ispejjes tal-ġarr. Id-dettalji tal-allowances u r-rimborż tan-nefqa tal-ispejjes jistgħu jinkisbu mis-sit elettroniku tal-Iskejjel Ewropej https://www.eursc.eu/BasicTexts/2011-04-D-14-en-19.pdf (Dokument uffiċjali jista' jiġi aġġornat). Aktar dettalji fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol, fosthom il-btajjel, il-leave, u l-bqija jistgħu jinkisbu mis-sorsi msemmija f'dan il-paragrafu.

2.3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena għal persuni li jintagħżlu u mhumiex uffiċjali pubbliċi, hija full-time u taqa' taħt ir-regoli u r-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, kif ukoll regolamenti li jkunu fis-seħħ fil-MEYR u tinvolvi li persuna tista' tiġi trasferita skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

2.4. Il-persuna magħżula tidħol f'ħidma ta' sentejn (2) sabiex isservi bħala Għalliem/a fl-imsemmija skola, liema perjodu jista jiġġedded għal perjodu ta' tliet (3) snin, li jista' jiġġedded għal perjodu ieħor ta' erba' (4) snin. Il-ħidma tkun bi prova għal perjodu ta' sentejn (2). Il-perjodu totali ta' sekondar ta' membru tat-tagħlim ma jistax ikun aktar minn disa' (9) snin, ħlief minkejja dispożizzjonijiet nazzjonali, f'każ speċjali, debitament speċifikat, fuq talba tad-Direttur jew fuq talba tal-awtorità li tissekonda estensjoni, sa perjodu massimu ta' tliet (3) snin oħra jistgħu jingħataw. Is-sekondar jista' jiġi tterminat fi kwalunkwe żmien għal raġuni valida mid-deċiżjoni tal-bord konjuntiv tal-Ispetturi tal-iskejjel Ewropej skont l-arranġamenti tar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni.

2.5. Il-pakkett imsemmi f'paragrafu 2.2 huwa strettament marbut mat-twettiq tad-dmirijiet ta' Għalliem/a fl-Iskola Ewropea, liema pakkett ma jibqax jitħallas hekk kif il-ħidma tal-persuna magħżula tispiċċa jew tiġi tterminata.

2.6. Jekk il-persuna magħżula ma tkunx Uffiċjal Pubbliku fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, hi tiġi appuntata fil-grad sustantiv ta' Għalliem/a fi ħdan MEYR u fl-istess waqt li tkun qiegħda isservi perjodu ta' prova ta' sentejn (2) (ara paragrafu 2.4) hija tkun meħtieġa li sservi perjodu ta' prova ta' sena (1) fl-imsemmi grad sustantiv. Jekk ma tiġix

ikkonfermata fl-imsemmi Grad sustantiv, l-impjieg tagħha mall-MEYR kif ukoll mal-Gvern ta' Malta jintemm. Iżda, jekk tiġi kkonfermata fil-Grad sustantiv iżda l-ħidma tagħha tispiċċa jew tiġi tterminata, hija terġa' tassumi d-dmirijiet ta' Għalliem/a f'kulleġġ tal-istat, skont l-esiġenzi lokali tal-MEYR u tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

2.7. Kundizzjonijiet u proċeduri rigward l-aċċettazzjoni għall-post ta' Għalliem, li jinsabu fuq http://educationservices.gov.mt/en/Documents/Vacancies/Acceptance_procedure_for_new_teachers.pdf japplikaw, jekk u meta l-persuna magħżula, li ma tkunx uffiċjal pubbliku tiġi kkuntattjata mill-MEYR.

2.8. Il-persuna magħżula tkun eliġibbli biex tapplika għal postijiet/pożizzjonijiet u tibqa' żżomm id-drittijiet ta' progressjoni kif stipulat fil-ftehim kollettiv għall-gradi tal-għalliema. Is-servizz mogħti fl-Iskola Ewropea, jiġi kkunsidrat bħala esperjenza ta' tagħlim u, b'konsegwenza t'hekk, il-persuna magħżula tibqa' żżomm id-drittijiet kollha tal-grad sustantiv tagħha.

2.9. Applikazzjonijiet laterali minn uffiċjali pubbliċi li diġà għandhom ħatra fl-istess grad li qiegħda tkun reklamata huma permessi biss jekk il-qasam ta' speċjalizzazzjoni tal-post vakanti huwa differenti minn dak tal-applikant u jeħtieġ kwalifika speċifika relatata bħala rekwiżit ta' eliġibbiltà, li l-applikant irid jissodisfa.

2.10. L-aċċettazzjoni ta' ħatra f'dan il-grad tfisser li kwanlunkwe applikazzjoni pendenti fi ħdan is-Servizz Pubbliku awtomatikament titqies bħala rinunzjata, sakemm dawn tal-aħħar ma jkunux applikazzjonijiet għal pożizzjonijiet SAAC/ADAC jew applikazzjonijiet għal pożizzjoni definita.

**Dmirijiet**

3. Id-dmirijiet għal dan il-post ta' Għalliem jinsabu fl-Anness A mehmuż ma' din iċ-Ċirkolari.

**Rekwiżiti tal-Eliġibbilita'**

4.1. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu

i.
  a. ċittadini ta' Malta; **jew**
  b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; **jew**
  c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġislazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqlieq ħieles tal-ħaddiema; **jew**
  d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġislazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; **jew**
  e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; **jew**
  f. fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika.'

**Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunita` Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identita` Malta** skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii. ikunu profiċjenti bi żewġ lingwi, il-Malti u l-Ingliż; U

iii.
(a) ikollhom kwalifika rikonuxxuta (Baċellerat) fil-Livell 6 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 240 ECTS/ECVET, kretti jew ekwivalenti, li jinkludu 16 ECTS/ECVET, kretti jew ekwivalenti fit-Tagħlim Prattiku (TP) u 8 ECTS/ECVET, kretti jew ekwivalenti fl-esperjenza ta' skola*) fl-Edukazzjoni bi speċjalizzazzjoni fil-Malti u kwalunkwe suġġett ieħor;

(b) fin-nuqqas ta' applikazzjoni minn uffiċjali eleġibbli skont paragrafu 4.1 (iii) (a) u/jew fin-nuqqas ta' applikanti li jgħaddu, l-eleġibbilità tkun estiża wkoll għall-applikanti fil-pussess ta' kwalifika rikonuxxuta (Baċellerat) fil-Livell 6 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 180 ECTS/ECVET, kretti jew ekwivalenti*) bi speċjalizzazzjoni fil-Malti u l-Ingliż u kwalifika rikonuxxuta fil-pedagoġija fil-Livell 6 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 60 ECTS/ECVET, kretti jew ekwivalenti, li jinkludu 12 ECTS/ECVET, kretti jew ekwivalenti fit-Tagħlim Prattiku (TP) u 6 ECTS/ECVET, kret jew ekwivalenti fl-esperjenza ta' skola*) fil-Malti;

(ċ) fin-nuqqas ta' applikazzjoni minn uffiċjali eleġibbli skont paragrafu 4.1 (iii) (b) u/jew fin-nuqqas ta' applikanti li jgħaddu, l-eleġibbilità tkun estiża wkoll għall-applikanti fil-pussess ta' kwalifika rikonuxxuta (Baċellerat) fil-Livell 6 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 240 ECTS/ECVET, kretti jew ekwivalenti, li jinkludu 16 ECTS/ECVET, kretti je ekwivalenti fit-Tagħlim Prattiku (TP) u 8 ECTS/ECVET, kretti jew ekwivalenti fl-esperjenza ta' skola*) fl-Edukazzjoni bi speċjalizzazzjoni fil-Malti u kwalifika rikonoxxuta (Ċertifikat) fil-Livell 4 tal-MQF fit-tagħlim tal-Ingliż tat-TEFL (Teaching English as a Foreign Language);

(d) fin-nuqqas ta' applikazzjoni minn uffiċjali elegibbli skont paragrafu 4.1 (iii) (ċ) u/jew fin-nuqqas ta' applikanti li jgħaddu, l-eleġibbilità tkun estiża wkoll għall-applikanti fil-pussess ta' kwalifika rikonuxxuta (Baċellerat) fil-Livell 6 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 180 ECTS/ECVET, kretti jew ekwivalenti*) bi speċjalizzazzjoni fil-Malti u l-Ingliż u kwalifika rikonuxxuta fil-pedagoġija fil-Livell 6 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 60 ECTS/ECVET, kretti jew ekwivalenti, li jinkludu 12 ECTS/ECVET, kretti jew ekwivalenti fit-Tagħlim Prattiku (TP) u 6 ECTS/ECVET, kret jew ekwivalenti fl-esperjenza ta' skola*) fl-Ingliż;

(e) fin-nuqqas ta' applikazzjoni minn uffiċjali elegibbli skont paragrafu 4.1 (iii) (d) u/jew fin-nuqqas ta' applikanti li jgħaddu, l-eleġibbilità tkun estiża wkoll għal applikanti fil-pussess ta' kwalifika rikonuxxuta (Baċellerat) fil-Livell 6 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 240 ECTS/ECVET, kretti jew ekwivalenti, li jinkludu 16 ECTS/ECVET, kretti je ekwivalenti fit-Tagħlim Prattiku (TP) u 8 ECTS/ECVET, kretti jew ekwivalenti fl-esperjenza ta' skola*) fl-Edukazzjoni bi speċjalizzazzjoni fl-Ingliż u kwalifika rikonoxxuta (Ċertifikat) fil-Livell 5 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 30 ECTS/ECVET, kretti jew ekwivalenti*) fil-Qari tal-Provi bil-Malti;

iv. Minbarra r-rekwiżiti msemmija f'4.1 (iii) hawn fuq, l-applikanti jridu wkoll jissodisfaw dawn il-kriterji:

(a) ikollhom il-Warrant ta' Għalliem (Permanent Warrant) skont is-sezzjoni 24 (2) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap.327); U

(b) bħalissa tkun Għalliem; U

(ċ) ikollhom mhux inqas minn tlett (3) snin skolastiċi esperjenza ta' tagħlim fl-aħħar sitt (6) snin bħala għalliem/a regolari fi skola lliċenzjata li toffri edukazzjoni obbligatorja; U

(d) kienu jgħallmu f'dawn l-aħħar sentejn (2) ta' qabel id-data tal-ħruġ ta' din is-sejħa fi skola lliċenzjata li toffri edukazzjoni obbligatorja; U

(e) minbarra fl-Ingliż u l-Malti jkollhom għarfien sod ta' lingwa oħra tal-Unjoni Ewropea. L-għarfien tal-lingwa tal-post fejn il-persuna se tkun qed tgħallem huwa mixtieq;

v. Kwalunkwe referenza għal Tagħlim/kwalifika/kors pedagoġiku msemmija f'din is-sejħa għandha titqies bħala rikonoxxuta mis-CTP skont l-artikolu 24 (2) (d) (iv) tal-Att dwar l-Edukazzjoni u tista' tiġi aċċessata (Appendiċi A) mis-sit elettroniku:
https://educationservices.gov.mt/en/vacancies/Pages/Vacancies.aspx.

* Kwalifika rikonoxxuta komparabbli ma 6, 8, 12, 16, 30, 60, 180, 240 ECTS/ECVET kretti (skond kif applikabbli), hekk kif applikabbli hija accetta biss suggett ghal dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-MQRIC li tigi sottomessa mal-applikazzjoni.

vi. Ufficjali pubblici li japplikaw ghal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-hatra attwali taghhom, sakemm il-hatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pozizzjoni definita jew fi grad/pozizzjoni inqas. Riverzjoni ghal hatra precedenti mhux ikkonfermata mhijiex possibbli.

4.2 (i) Kwalifiki f'livell ogħla minn dak imsemmi hawn fuq jiġu aċċettati għal finijiet ta' eliġibbiltà, sakemm jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-suġġett speċifikat. Kwalifika ta' Masters f'livell 7 ta' MQF, jew ekwivalenti* ghandha tinkludi minimu ta' 90 krettu ECTS/ECVET.

* Kwalifika ta' Masters rikonoxxuta b'minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET hija accettata biss bil-kundizzjoni li dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent tal-Masters millMQRIC tigi sottomessa mal-applikazzjoni. Kwalifika ta' Masters rikonoxxuta mill-Università ta' Malta (moghtija qabel l-2009) b'inqas minn 60 krettu ECTS/ECVET hija accettabbli sakemm ikun ivverifikat mill-MQRIC li l-ammont ta' xoghol huwa komparabbli ma' mill-inqas 60 krettu ECTS/ECVET.

(ii) Aktar minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifika rikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafu 4.1 (iii) jew kif indikat f'paragrafu 4.2 (i), xorta jiġu kkunsidrati, basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jġibu, jew ġew approvati, għat-tali kwalifika sal-31 ta' Diċembru, 2023. Jekk l-iskadenza għall-kisba tal-imsemmija kwalifika ma tintlaħaqx, il-ħatra, għal din ir-raġuni, tiġi awtomatikament terminata.

(a) Il-perjodu ta' prova u l-intitolament għall-progressjoni (skont il-każ) jibdew jgħoddu mid-data tal-ħatra.
(b) Il-persuni maħtura ma jibbenefikaw minn ebda benefiċċji, sakemm jiksbu l-kwalifika jew ikunu approvati għall-kisba tal-kwalifika indikata, kif imsemmi f'paragrafu 4.1 (iii) jew 4.2 (i).
(ċ) Marki ghal kwalifiki rilevanti addizzjonali jistghu jinghataw biss ghal kwalifiki miksuba sad-data tal-gheluq tas-sejha ghall-applikazzjonijiet. Kandidat li jista' jipprovdi evidenza li l-ECTS mehtiega nkisbu sa dik id-data jista' jinghata l-marki skont dan, jigifieri l-Bord tal-Ghazla jista' jaghzel li jaghti wahda mill-marki l-aktar baxxi jekk issostanzjat minn traskrizzjoni disponibbli.

(iii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVETS, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.3. Uffiċjali Pubbliċi li għandhom grad fi klassi partikolari, u li ngħataw il-ħatra ta' Officer in Scale permezz ta' deċiżjoni tal-Grievances Unit fl-istess skala ta' dak ta' grad ogħla fl-istess klassi, huma eliġibbli li japplikaw għal gradi miftuħa għal uffiċjali li għandhom tali grad ogħla bl-istess skala ta' dik tal-ħatra ta' Officer in Scale.

Is-snin ta' servizz mid-data ta' meta ġiet effettiva l-ħatra bħala Officer in Scale jgħoddu bħala parti mis-snin ta' servizz mitluba fis-sejħa t'applikazzjonijiet.

Kwalunkwe kriterju ieħor t'eliġibbilta' għall-post irid jiġi sodisfatt skont din is-sejħa t'applikazzjonijiet.

4.4. Uffiċjali pubbliċi li bħalissa għandhom ħatra bħala Uffiċjal fil-Grad huma kkunsidrati fuq bażi personali li jappartjenu għall-Klassi/Stream tal-grad sostantiv immedjatament preċedenti tagħhom, u jistgħu japplikaw fuq il-bażi tal-iskala kurrenti tagħhom bħala Uffiċjal fil-Grad, li għandha tkun ekwivalenti għal, jew ogħla minn, dak li hu meħtieġ minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-snin ta' servizz mid-data effettiva tal-ħatra bħala uffiċjal fil-Grad huma kkalkulati għall-iskop li jissodisfaw is-snin meħtieġa ta' 'servizz fil-grad' kif stipulat fis-sejħiet għall-applikazzjonijiet.

Kwalunke rekwiżit ieħor ta' eliġibbiltà għall-post/pożizzjoni għandu jintlaħaq f'termini ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.5. L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Fil-każ ta' applikanti li diġà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, il-GP 47 għandu jintalab mill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet mingħand id-Direttur responsabbli għall-HR fejn l-applikanti jkunu qed iservu, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

4.6. Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 4.1 - 4.5 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

4.7. L-applikanti huma obbligati li jinfurmaw immedjatament lill-Bord tal-Għażla (jekk ir-riżultat għadu ma ġiex ippublikat, f'liema każ l-applikazzjoni għandha tiġi rtirata mill-applikant) jew l-HR Unit tal-mininteru / dipartiment minn fejn inħarġet is-sejħa (jekk ir-riżultat ikun ġie ppublikat) dwar kwalunkwe bidla fl-istatus tal-ħatra tagħhom mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni sad-data tal-għeluq, jew hekk kif jiġu msejħa għall-ħatra bħala riżultat

ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, skont il-każ. In-nuqqas ta' osservanza ta' din l-istruzzjoni jista' jwassal għal azzjoni dixxiplinarja. Min-naħa tiegħu, fil-bidu tal-intervista, il-Bord tal-Għażla għandu jitlob lill-kandidat jiddikjara kull bidla fl-istatus tal-ħatra attwali tiegħu/tagħha mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

4.8. L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

**Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni**

5.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/transkrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal tal-Edukazzjoni (https://edurecruitment.gov.mt). Ċertifikati tad-Diploma/Degree/Post-Graduate jew kwalifiki rikonoxxuti komparabbli għandu jkollhom magħhom transcript, bl-Ingliż (Diploma/Certificate supplement), li juri l-Grad miksub u l-klassifikazzjoni finali.

5.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

**Proċeduri tal-Għażla**

6.1. Preferenza tingħata lill-applikanti li għandhom fil-pussess tagħhom livell minimu ta' B2 ta' profiċjenza fl-CEFRL fit-tieni l-lingwa tal-komunità (UE). Tagħrif tal-lingwa tal-post tal-impjieg huwa mixtieq.

6.2. L-applikanti eleġibbli jintalbu jagħmlu test ta' profiċjenza fil-Malti u ieħor fl-Ingliż organizzat mill-MEYR. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 800 u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 560. Iż-żewġ testijiet ta' profiċjenza għandhom f'daqqa, marka massima ta' 400 u persuna trid iġġib 280 biex tgħaddi, waqt li l-intervista għandha marka massima ta' 400 u minimu ta' 200. Il-Kriterji tal-Assessjar jistgħu jinstabu fuq: https://educationservices.gov.mt/en/vacancies/Pages/Vacancies.aspx.

6.3. Jiġu intervistati biss dawk il-kandidati li jġibu tal-anqas 70% tal-marka f'kull test ta' profiċjenza minn Bord tal-Għażla, li jiddetermina min hu addattat għall-post. Fl-intervista l-applikanti jridu jippreżentaw portafoll professjonali li jinkludi fih l-aspetti ewlenin tal-iżvilupp professjonali tagħhom fit-tagħlim u xi riżorsi ta' tagħlim maħluqa minnhom u preżentazzjoni qasira ta' ħames minuti ta' suġġett flimkien mal-portafoll tagħhom. L-applikanti huma mistennija li jkolhom tagħrif bażiku fuq l-istruttura u l-organnizzazzjonijiet tal-Iskejjel Ewropew. Dawn tista' t'aċċesshom minn http://eursc.org/.

6.4. It-testijiet ta' profiċjenza ta' siegħa l-wieħed, se jsiru fi ħdan il-MEYR. Se tintbagħat e-mail bid-data/ħin u il-post lill-applikanti li huma eliġibbli.

6.5. Notifika ta' pubblikazzjoni tar-riżultat tista tara' mis-sit:
https://educationservices.gov.mt/en/vacancies/Pages/Published%20Results.aspx.

**Sottomissjoni tal-Applikazzjoni**

7.1. L-Applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni permezz tal-Online Recruitment Portal tal-Edukazzjonibiss fuq https://edurecruitment.gov.mt. L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant). Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-Portal.

Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija 17:15 (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tlieta, 03 ta' Ottubru, 2023. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fil-provedimenti ġenerali msemmija hawn isfel.

7.2. Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar tletin (30) minuta biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

7.3. Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

7.4. Applikanti jingħataw sa jumejn xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar; biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

**Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra**

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għall-:

- benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
- bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabilità;
- sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
- pubblikazzjoni tar-riżultat;
- eżami mediku;
- proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;
- aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
- żamma ta' dokumenti;

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards fl-indirizz https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsMT.pdf.

Dawn il-provvedimenti ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.